MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Numru 99999/2007

Il- Pulzija
(Spettur Angelo Gafa')

-vs-

Martin Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Martin Camilleri ta' 53 sena, bin Louis u Theresa nee' Holyer, imwieled Valletta fl-20 ta' Marzu, 1954, residenti f'Entrance 42, Flat 2, Bini tal-Gvern, Triq il-Kuncizzjoni, Msida u detentur ta' Karta ta' l-identita' Nru 246379M

Akkuzat talli;
F'dawn il-gzejjer, fit-13 ta' April, 2007 ghall-habta ta' l-erbgha u tmin minuti ta' wara nofsinhar (1608 hrs), naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet ghall-helsien mill-arrest taht garanzija datata 13 ta' April, 2007;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, uza xi *network* jew apparat ta' kommunikazzjoniet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, hedded lil Lawrence Sammut, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17873 (G)

Rat id-dokumenti prezentati

Semghet ix-xhieda ta' Frances Camilleri.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli, 579 (2), u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 35 (1) (d) tal-kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Illi, fl-udjenza mizmuma illum stess, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu gew ammessi mill-imputat u ghalhekk huma sodisfacjament pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti tikkunsidra l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat min-naha, u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat prova jikkomunika ma' xhud tal-prosekuzzjoni fi proceduri ohra pendenti iil-konfront ta' l-imputat odjern u anke hedded lill-imsemmi xhud.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 339 (1) (e) u 592 (2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 35 (1) (d) tal-kapitolu 399, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet lilu adebiti u tikkundannah ghall-multa ta' tlett mitt lira.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------